LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 117.02

REGOLAMENTI DWAR IL-KONTROLL TA' L-ESPORTAZZJONI

29 ta' Ottubru, 1948

In-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 668 ta' l-1948, kif emendata bin-Notifikazzjonijiet tal-Gvern 621 ta' l-1955, 655 ta' l-1956 u 298 ta' l-1958; u bl-Avviżi Legali 34 ta' l-1959, 48 ta' l-1961, 15 ta' l-1964, 29 u 80 ta' l-1967, 105 ta' l-1969, 62 u 105 ta' l-1970, 22 ta' l-1973, 114 ta' l-1974, 70 ta' l-1976, 55 ta' l-1979, 44 ta' l-1985, 107 ta' l-1988, 126 ta' l-1990, 42 u 154 ta' l-1991, 42, 44, 45 u 117 ta' l-1992, 105 ta' l-1998, 82 ta' l-1999, 51 u 230 ta' l-2000, 196 ta' l-2003, 243 ta' l-2004 u 409 ta' l-2007.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Kontroll ta' l-Esportazzjoni.

Tifsir.
Emendat:
N.G. 621 ta' l-1955;
N.G. 298 ta' l-1958;
A.L. 15 ta' l-1964.

2. F'dawn ir-regolamenti -

"Direttur" ifisser id-Direttur tal-Kummerċ u jinkludi kull uffiċjal tad-Dipartiment tal-Kummerċ li lilu d-Direttur minn żmien għal żmien jista' jagħti xi setgħa jew dmir skond dawn ir-regolamenti;

"esportazzjoni" tfisser u tinkludi li tibgħat, tieħu jew iġġorr xi merkanzija minn dawn il-Gżejjer għal xi post ieħor, b'kull xorta ta' mezz li bih isir it-trasport; u "tesporta" għandu jiftiehem fl-istess sens.

Projbizzjoni ta' esportazzjoni.
Emendat:
N.G. 621 ta' l-1955;
N.G. 655 ta' l-1956;
N.G. 298 ta' l-1958.
Sostitwit:
A.L. 34 ta' l-1959.
Emendat:
A.L. 15 ta' l-1964;
A.L. 29 ta' l-1967;
A.L. 55 ta' l-1979;
A.L. 126 ta' l-1990;
A.L. 42 ta' l-1991;
A.L. 117 ta' l-1992;
A.L. 82 ta' l-1999;
A.L. 51 ta' l-2000;
A.L. 230 ta' l-2000.

3. (1) Salvi d-disposizzjonijiet tas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament u tar-regolament 5, l-esportazzjoni ta' kull merkanzija minn dawn il-Gżejjer hija projbita ħlief skond liċenza maħruġa mid-Direttur u skond dawk il-kundizzjonijiet, jekk ikun hemm, li jkunu speċifikati fil-liċenza.

(2) Id-Direttur jista' fid-diskrezzjoni tiegħu jiċħad l-għoti ta' kull liċenza jew, meta jagħtiha, jagħmel dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa, inkluż il-prezz li għandu jitħallas għax-xiri ta' oġġetti, f'kull wieħed mill-każijiet mingħajr ma jagħti ebda raġuni.

(3) Qiegħda hawn tingħata liċenza ġenerali għall-esportazzjoni minn dawn il-Gżejjer, minbarra għall-esportazzjoni lejn l-Iraq ta' oġġetti ta' kull xorta mhux inklużi fl-Iskeda.

Projbizzjoni ġenerali.
Miżjud:
A.L. 42 ta' l-1992.
Emendat:
A.L. 44 ta' l-1992;
A.L. 45 ta' l-1992.

4. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull regolament ieħor, l-esportazzjoni ta' oġġetti minn dawn il-Gżejjer lejn xi destinazzjoni, meta l-esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti lejn dik id-destinazzjoni tkun projbita b'riżoluzzjoni tas-*Security Council* tan-Nazzjonijiet Uniti bis-saħħa tal-Kapitlu VII taċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti, hija projbita u ma għandha tinħareġ ebda liċenza għal dik l-esportazzjoni.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), id-Direttur għandu

b'avviż fil-Gazzetta jippubblika minn żmien għal żmien referenza għal kull riżoluzzjoni li għaliha japplika l-imsemmi subregolament.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw ukoll għal oġġetti msemmija fis-subregolament (1), li joriġinaw barra minn dawn il-Gżejjer u li jitniżżlu biss fuqhom bl-iskop ta' trasbord.

Artikoli bi ksur tad-drittijiet ta' l-awtur.
Miżjud: A.L. 117 ta' l-1992.

5. L-esportazzjoni ta' xi artikolu jew ħaġa oħra magħmula, manifatturata, duplikata jew mod ieħor riprodotta jew ikkupjata bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li persuna jkollha u protetti bil-liġi ta' Malta hija projbita u ebda liċenza ma tinħareġ għal dik l-esportazzjoni.

Permess għall-esportazzjoni qabel ma titgħabba l-merkanzija.

L.S. 37.05

6. Min jiesporta jew min jgħabbi xi merkanzija maħsuba għall-esportazzjoni jew bħala ħażniet ta' bastimenti għandu, qabel ma jgħabbi, jagħmel dikjarazzjoni u jiddobba l-permess għall-esportazzjoni tal-merkanzija billi jikkonsenja lill-uffiċjal tad-Dwana l-liċenza li tkun ingħatat skond dawn ir-regolamenti u d-dokumenti kollha meħtieġa mir-Regolamenti tad-Dwana.

Applikazzjonijiet għal liċenzi.
Emendat: N.G. 621 ta' l-1955; N.G. 298 ta' l-1958; A.L. 15 ta' l-1964.

7. L-applikazzjonijiet kollha għall-liċenzi ta' esportazzjoni għandhom jsiru fuq formula li tittieħed mid-Dipartiment tal-Kummerċ u fihom għandu jkun hemm il-partikolaritajiet ta' l-ismijiet u indirizzi ta' min jibgħat u ta' min jirċievi l-merkanzija u tal-post fejn l-aħħar għandha tasal l-merkanzija flimkien ma' dikjarazzjoni mill-persuna li tagħmel l-applikazzjoni fejn jingħad illi l-partikolaritajiet li hemm fl-applikazzjoni huma veri u mogħtijin sewwa.

Prova.

8. Kull min jesporta jew jgħabbi merkanzija esportata minn dawn il-Gżejjer skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu, jekk ikun hekk meħtieġ mill-Kontrullur tad-Dwana, jagħti, fiż-żmien li jkun iffissat, prova tajba illi l-merkanzija waslet fil-post fejn kellha tasal u fejn kienet awtorizzata li tkun esportata bis-saħħa ta' dik il-liċenza, u, jekk dan ma jisirx, il-persuna li tesporta jew tgħabbi tkun ħatja li kisret dawn ir-regolamenti, sakemm dik il-persuna ma tippruvax illi ma kenitx tat il-kunsens tagħha u lanqas ma għamlet ta' bir-ruħha li ma tafx illi l-merkanzija wasluha f'post li ma kienx il-post awtorizzat għall-esportazzjoni fil-liċenza.

Dikjarazzjonijiet foloz, eċċ.

9. Jekk, sabiex tittieħed liċenza għall-esportazzjoni jew tagħbija ta' merkanzija bħala ħażniet ta' bastimenti, persuna tagħmel dikjarazzjoni jew tagħti dokument jew informazzjoni illi hija taf li huma foloz f'xi partikolarità mportanti jew bi traskuraġni tagħmel dikjarazzjoni li hija falza f'xi partikolarità mportanti, din tkun ħatja li kisret dawn ir-regolamenti, u kull liċenza li tkun ingħatat ma tkun ta' ebda effett.

Id-Direttur jista' jħassar jew ibiddel liċenza.
Emendat: N.G. 621 ta' l-1955; N.G. 298 ta' l-1958; N.G. 15 ta' l-1964.

10. Id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, iħassar jew ibiddel mingħajr ma jagħti raġuni kull liċenza li qabel ġiet mogħtija minnu.

Liċenza ma tibqax issehħ.

11. Liċenza mogħtija għall-esportazzjoni ta' merkanzija ma tibqax issehħ -

(*a*) jekk il-bejgħ tal-merkanzija ma jkunx ikkonfermat fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha tkun ħarġet il-liċenza jew f'dak il-perjodu ta' żmien li jiġi stabbilit fil-liċenza; jew

(*b*) jekk il-merkanzija li għaliha tirriferixxi ma tiġix esportata fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha l-liċenza tkun ħarġet jew f'dak il-perjodu ta' żmien li jiġi stabbilit fil-liċenza; jew

(*ċ*) jekk ma jiġux osservati l-kondizzjonijiet li jkun hemm fil-liċenza.

Il-perijodi jistgħu jittawlu.
Emendat:
N.G. 621 ta' l-1955;
N.G. 298 ta' l-1958;
A.L. 15 ta' l-1964.

12. Id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, u wara li tkun saret applikazzjoni għal hekk, itawwal xi perijodu ta' żmien imsemmi jew impost f'dawn ir-regolamenti.

Liċenzi maħruġin taħt dawn ir-regolamenti.

13. Il-liċenzi maħruġin skond dawn ir-regolamenti ma jeħilsux lil min għandu dawn il-liċenzi jew lil kull persuna oħra milli tagħmel dak li hu meħtieġ minn liċenza skond kull liġi oħra.

Applikazzjoni għandha jkollha fuqha bolli.
Emendat:
A.L. 409 ta' l-2007.

14. Kull applikazzjoni skond dawn ir-regolamenti għandha jkollha fuqha bolli tal-valur ta' sitt ċenteżmi (0.06).

Merkanzija għandha jkollha liċenza ta' esportazzjoni.

15. Ebda kaptan jew persuna nkarigata minn bastiment ma għandha tirċievi abbord ebda merkanzija li ma jkollhiex liċenza ta' esportazzjoni. Il-liċenza għandha titwaħħal mal-kopja tal-polza tat-tagħbija dwar il-merkanzija, li tkun għand il-kaptan.

Il-bank għandu jingħata l-kopja doppja tal-liċenza.

16. Ebda bank ma għandu jħallas jew jirranġa għall-ħlas ta' ebda flus għal merkanzija esportata kemm-il darba ma tinġiebx l-kopja doppja tal-liċenza tagħha. Il-kopja doppja tal-liċenza jżommha l-bank.

Permess mill-Kontrullur.

17. Ħadd ma jista' jġib jew iġiegħel li tittieħed fuq mol jew post ieħor ebda merkanzija mingħajr permess mingħand il-Kontrullur tad-Dwana, u kull merkanzija maħsuba għall-esportazzjoni jew bħala ħażniet ta' bastimenti għandha titgħabba biss minn dak il-post fejn ikun hemm imfisser fl-imsemmi permess.

Regolamenti ma jappikawx.
Sostitwit:
A.L. 80 ta' l-1967.

18. Id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw safejn ikunu inkonsistenti ma' ftehim, arranġament jew akkordju internazzjonali li l-Gvern ta' Malta ikun parti tiegħu.

Reati u pieni.
Emendat:
A.L. 114 ta' l-1974;
A.L. 409 ta' l-2007.

19. Kull min jikser jew ma josservax dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħala Qrati ta' Ġudikatura Kriminali, jeħel il-piena kif jingħad hawn taħt:

(*a*) meta l-valur tal-merkanzija li tkun ġiet esportata, jew li dwar l-esportazzjoni tagħha jkun sar tentativ jew atti preparatorji, ma jkunx 'il fuq minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59), multa ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin

ċenteżmu (23.29) iżda ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47);

(*b*) meta l-valur tal-merkanzija li tkun ġiet esportata, jew li dwar l-esportazzjoni tagħha jkun sar tentativ jew atti preparatorji, ikun 'il fuq minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59) iżda mhux iżjed minn elf, mija u sitta u erbgħin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda ta' mhux iżjed minn elf, mija u sitta u erbgħin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u dik il-priġunerija flimkien;

(*ċ*) meta l-valur tal-merkanzija li tkun ġiet esportata, jew li dwar l-esportazzjoni tagħha jkun sar tentativ jew atti preparatorji, ikun 'il fuq minn elf, mija u sitta u erbgħin ċenteżmu (1,164.69), multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda ta' mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur;

(*d*) meta r-reat ikun dwar *gas/diesel oil*, il-qorti għandha timponi priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn għaxart ijiem u mhux iżjed minn sitt xhur u għandha tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza jew liċenzi rilevanti jekk ikun hemm, f'isem min jagħmel ir-reat, għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar,

u fil-każijiet kollha l-Qorti tordna barra minn dan il-konfiska tal-merkanzija li għaliha jirriferixxi r-reat, ukoll jekk sid il-merkanzija ma jkunx parti fil-proċedimenti.

SKEDA

(Regolament 3(3))

Antikitajiet u ħwejjeġ jew oġġetti ta' valur storiku

Karettuni, karrozzini u *landaus*

Ġebla ta' Malta u oġġetti magħmula minnha

Djamanti mhux maħduma tat-testaturi Nri. 7102.10, 7102.21 u 7102.31

Prodotti taż-żejt, dawn li ġejjin:

Petrol

Żejt tal-*fuel*

Diesel

Pitrolju

Gass likwidifikat

Miżjuda:
A.L. 34 ta' l-1959.
Sostitwita:
A.L. 48 ta' l-1961.
Emendata:
A.L. 105 ta' l-1969;
A.L. 62 ta' l-1970;
A.L. 105 ta' l-1970.
Sostitwita:
A.L. 22 ta' l-1973.
Emendata:
A.L. 114 ta' l-1974.
Sostitwita:
A.L. 70 ta' l-1976;
A.L. 55 ta' l-1979.
Emendata:
A.L. 44 ta' l-1985;
A.L. 107 ta' l-1988;
A.L. 154 ta' l-1991;
A.L. 105 ta' l-1998;
A.L. 196 ta' l-2003.
Sostitwita:
A.L. 243 ta' l-2004.